

31999D0492

L 192/47

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

24.7.1999

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tal-21 ta' Ġunju 1999**

li tikkonċerna l-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità' Ewropea, fuq naħa u r-Repubblika ta' l-Islanda, fuq in-naħa l-oħra, dwar it-Tieni Protokoll tal-Ftehim bejn il-Komunità' Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda

(1999/492/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunita Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 b'konġunzjoni ma' l-ewwel sentenza ta' Artikolu 300(2) ta' dan;

Wara li kunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

- (1) Billi Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunitajiet Ewropej, fuq naħa u r-Repubblika ta' l-Islanda, fuq in-naħa l-oħra, fuq it-Tieni Protokoll tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda ⁽¹⁾ għadu kemm ġie negozzjat biex tiġi meqjusa l-adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, r-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja fl-Unjoni Ewropea u l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Urugwaj;
- (2) Billi l-Ftehim għandu jkun approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' l-Ittri bejn il-Komunita Ewropea, fuq naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Islanda, fuq naħa

oħra, dwar it-Tieni Protokoll tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda huwa hawnhekk approvat għan-nom tal-Komunità.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Regoli dettaljati ta' l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni se jiġu addottati mill-Kummissjoni assistita mill-Kumitat imsejjaħ f'Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 3448/93 ⁽²⁾ skond il-proċedura prevista f'Artikolu 16 ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna li għandha l-fakulta' li tiffirma l-Ftehim li jsir referenza għalih f'Artikolu 1 bl-iskop li jorbot lill-Komunità.

Magħmula fil-Lussemburgu, fil-21 ta' Ġunju ta' l-1999.

Fisem il-Kunsill

G. VERHEUGEN

Il-President

⁽¹⁾ ĠU L 301, 31.12.72, p. 2.

⁽²⁾ ĠU L 318, 20.12.93, p. 18. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 2491/98 (ĠU L 309, 19.11.98, p. 28).